



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12037/25

LIMITE

CORLX 809
CFSP/PESC 1211
COAFR 219
FIN 957
JAI 1146

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763¹.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 mill-Kunsill, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġġeddu sal-31 ta' Ottubru 2026 u jenħtieġ li titħassar l-entrata li tikkonċerna persuna waħda inkluża fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tinsab fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1763 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi (ĠU L 257, 2.10.2015, p. 37, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1763/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, id-data "31 ta' Ottubru 2025" hija sostitwita b'dik tal-"31 ta' Ottubru 2026";
- (2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1763 ("Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemija fl-Artikoli 1 u 2"), tiġi l-entrata li ġejja:

"3. Mathias-Joseph NIYONZIMA".
